MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2002

Rikors Numru. 1067/2002

**Fl-atti tal-mandat ta' sekewstru numru 1681/02 fl-ismijiet:**
**Dottor Louis Cassar Pullicino noe**
**vs**
**Michael Zammit noe.**

**Il-Qorti.**

**PRELIMINARI**

Rat ir-rikors;
Rat ir-risposta a fol. 10;
Rat l-atti kollha tar-rikors u d-dokumenti ezibiti;
Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw it-talba ghal rikuza;

**TALBA**

Ir-rikorrent qed jitolb lill dina l-Qorti tirrevoka il-mandat ta' sekewstru 1681/02 stante dak li ghandu dritt ghalih is-sekwestrant minghand is-sekewstrat hu sufficjentement kawtelat, jew, fin-nuqqas tirriduci l-ammont sekwestrat ghas-somma ta' Lm31,114 jew somma ohra verjuri.

## RISPOSTA

L-intimat irrisponda li t-talba tar-rikorrenti hija manifestament infondata u ghal kollox frivola u vessatorja u spjega r-ragunijiet ghaliex fir-risposta tieghu.

## RIKUZA

## KONSIDERAZZJONIJIET

Illi fl-ewwel seduta tas-smigh tar-rikors, ir-rikorrent talab ir-rikuza tal-Imhallef sedenti taht l-artikolu 734(1)(d)(ii) Kap 12 billi l-kawza kienet ga giet quddiemu bhala Imhallef.

Ir-rikorrent qed jirreferi ghal kawza u sentenza ezibita a fol 13 tal-process. L-intimat (allura attur) kien ottjena dik is-sentenza kontra r-rikorrent (allura konvenut) u in forza ta' dik is-sentenza l-intimat hareg il-mandat ta' sekwestru esekuttiv inkwistjoni biex jithallas.

Ir-rikorrent issa talab ir-revoka ta' dak il-mandat u preliminarjament qed jitlob ir-rikuza ta' l-Imhallef sedenti ghax kien iddecieda dik il-kawza.

Jigi rilevat li illum dina l-Qorti m'ghandiex quddiemha dik il-kawza imma ghandha quddiemha rikors fejn qed jintalab ir-revoka ta' mandat ta' sekwestru mahrug in forza ta' dik is-sentenza, li m'humiex l-istess haga.

Illi kif inhu risaput "***il motivo di ricusazione non sussiste nello stesso grado, in una fase rispetto ad un'altra, ad es. per il giudice che emana la sentenza definittiva e che gia decise su questioni pregudiziali o preliminari***." (Novissimo Digesto p 1464).

Il-Qorti llum hi mitluba haga differenti minn dak li kienet intalbet fil-kawza. Fil-kawza kienet intalbet il-kanonizzazjoni ta' kreditu, issa qed tintalab ir-revoka tal mandat mahrug fuq il-kreditu kanonizzat. Dina l-Qorti qatt ma esprimiet ruha fuq talba simili biex jigi revokat il-mandat.

Il-Ligi, Kap 12, art 836 (1), tipprovvdi li talba ghar-revoka ta' mandat kawtelatorju tista' issir anke quddiem l-istess Qorti li tkun qed tisma' il-kawza li segwit minn dak il-mandat. Ghalkemm ma tkunx ghadha giet deciza l-kawza, l-istess l-Imhallef jista' jisma t-talba ghar-revoka tal-mandat. Ghalhekk m'hemm xejn xi jzomm lill istess Imhallef li ddecieda l-kawza li issa jisma talba ghal revoka tal-mandat esekuttiv li jinhareg in segwitu ghall istess kawza.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi
billi tichad it-talba tar-rikorrenti
bl-ispejjez kontra tieghu
u tiddifferixxi r-rikors ghal kontinwazzjoni ghas-17 ta' Frar, 2003

--------------------------------TMIEM--------------------------------